**Kunsill Lokali**
**Għajnsielem**

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 56** -Hamis 14 ta' Settembru 2023 fl-4:30pm

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar il-Hamis 14 ta' Settembru 2023 fl-4:30pm

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**56.1 Talba**

56.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

56.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**56.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

56.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**56.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

56.4.1Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal fatt li nhar l-Erbgħa 6 ta' Settembru kellna fostna għaxart itfal mill-aktar żoni milquta tal-gwerra fl-Ukrajna. Kien ta' pjaċir nospitawhom u ndawwruhom madwar il-lokalita' tagħna u anke bill-ipparteċipaw ma' residenti tagħna waqt wieħed mill-boat

tours. Is-Sindku rringrazzja lill-kunsilliera kollha li ngħaqdu magħna għal din l-attivita tant sabiħa. It-tfal ħadu ħafna gost f'ambjent 'il bogħod mill-ħsejjes tas-sireni u l-isparar, anke jekk it-trawma tal-gwerra tibqa'.
56.4.2 Is-Sindku fakkar li għada il-Ġimgħa, 15 ta' Settembru għandna l-attivita' tal-Cleanup the World li hija sponsorjata wkoll mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Se jkun hemm sezzjoni filgħodu immexija minn Aġenzija Żgħażagħ u oħra filgħaxija mill-Gozo Cadets u voluntiera. Tkun ħaġa sabiħa li anke aħna bħala kunsilliera ningħaqdu f'din l-attivita'.

56.4.3 Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li għada, 15 ta' Settembru fl-10.30am għadna invit għal *launching* tal-Istrategija ta' Żvilupp għal Għawdex mill-GRDA. Il-Kunsill qabel li għandna niġu rappreżentati mill-Kunsillier Stephen Mercieca.

56.4.4 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal jiem tal-festa fejn matulhom kellna fostna delegazzjoni minn Tolfa, ir-rebbieħa tal-Olimpiadi flimkien mal-Assessore tal-Comune di Tolfa Alessandro Tagliani u l-Onor Alessandro Battilochio. Kien ta' pjaċir għalina għal darb'oħra nostpitawhom u naqsmu u nġeddu flimkien il-ħbiberija ta' bejn dawn iż-żewġ lokalitajiet. Huwa spjega kif l-Onorevoli Battilocchio jixtieq li sena oħra nagħmlu ċelebrazzjonijiet tal-20 sena ta' ġemellaġġ. Is-Sindku esprima d-diżappunt tiegħu li minkejja r-relazzjonijiet tajba ta' bejn dawn iż-żewg komunitatjiet, ma sar ebda sforz sabiex tiġi ġebla minn Tolfa sabiex tkun parti mill-proġett ta' Pjazza Tolfa.

56.4.5 Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa likellu mal-Puluzija fl-24 t' Awwissu fejn esprima t-tħassib rigward il-vandaliżmu li qed jsir minn ċertu tfal addoloxxenti u nuqqqas ta' patrol matul il-lejl u l-vandalizmu li qed isir anke fil-Playing Field tal-Gudja. Ġejna infurmati li se jibdew l-mobile speed gun f'Triq Imġarr u Triq Qala fil-jiem li jmiss. Il-Kunsill laqa' din l-aħbar u jittama li tkun xi ħaġa li tkompli regolarment.

56.4.6 Is-Sindku rrefera għal fatt li ġejna avviċinati minn numru ta' residenti dwar objection tal-żvilupp PA/04619/23 fi Triq Imġarr ta' flattijiet u supermarket li parti minn hu jinsab f'ODZ. Huwa spjega kif ikkuntatja lill-Avukata Dr Claire Bonello li tatna l-argumenti legali tagħha dwar l-izvilupp. Mill-pjanijiet sottomessi, il-bini ser ikun dak ta' hames sulari, u hemm parti barra miż-żona tal-iżvilupp, fil-qrib hemm il-cart ruts li għandhom jiġu preservati. Huwa ressaq il-proposta ta' oġġezzjoni u li jekk ikun hemm qbil, l-oġġezzjoni trid tiġi sottomessa sat-18 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna noġġezzjonaw.

56.4.7 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-administration ta' Misraħ il-Fliegu rigward l-ġbir tal-iskart u dwar il-fatt li mhux fair li ċertu blokok iħallu

l-iskart barra fi gzuz u huma qed iġagħlu lir-resident iħallas. Il-Kunsill qabel li ma għandux joħloq preċedent u jibda jiġbor l-iskart ta' blokok ta' dak id-daqs.

56.4.8 Is-Sindku għamel referenza għal talba li kellna fil-bidu tal-leġislatura għal-lampa fi Triq il-Balzunetta. Din it-triq fil-preżent hija mingħajr dawl. Il-problema li mhux faċli jsiru arbli u wires quddiem il-flattijiet għax ħadd mhu se jaċċetta wires quddiem it-terrazin. Ġie suġġerit mill-Enemalta li ssir trinka minn kuntrattur privat peress li t-triq għada mhux bit-tarmac u teħel 'decorative light' mal-bini. Sadanitant rċevejna wkoll talba minn persuna li ma tixtieqx dawl fit-triq minħabba ragunijiet ambjentali. Sar qbil li għandna nitolbu stima għal decorative light. Ġie diskuss issirx waħda b'solar panel.

56.4.9 Is-Sindku għamel ukoll referenza għat-talba li daħlitilna għal bozza fi Triq Ġużeppi Cauchi fil-parti il-ġdida li nfetħet. Hawn wkoll ġiet identifikata blokka mill-Enemalta f'nofs il-parti ġdida li nfetħet. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi fuq din it-talba.

56.4.10 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għal Triq fuq l-Għajn kantuniera ma' Triq Wied Rgħajjes jidher li hemm parti li qed tisfronda l-isfel. Sar qbil li se jinġab perit biex naraw x' l-aħjar li jsir. Din kienet se ssir xhur ilu waqt xogħolijiet mill-Enemalta iżda ġew imwaqqfa minn sid il-post ta' biswit għaliex qal li jista jidħollu l-ilma fil-basement. Sar qbil li għandna nġibu perit biex naraw x'soluzzjoni hemm.

56.4.11 Is-Sindku għamel referenza għall-ittra ta' ringrazzjament li bgħatilna Dun Ġużepp Attard – Rettur tal-Kappella ta' Kemmuna bgħatilna ittra ta' ringarzzjament għal żewġ palmiet li tajnih għal kappella u xtaq il-quddienm nipprovdulu żewġ arbli għal maz-zuntier.

56.4.12 Is-Sindku rrefera għat-talba għal għajuna minn Gozo Scale Modellers Club għal sponsor sabiex issir Scale models Exhibition. Sar qbil li għandna nissuggerixxu li din il-wirja tinżamm fiċ-Ċentru Sant' Antnin" Għajnsielem fit-28 u 29 t'Ottubru 2023. Din il-wirja tikkonsisti f'mudelli ta' ajruplani karozzi, vapuri, dioramas, u anke mudelli tal-karti. Il-Kunsill qabel li jisponsorja parti mill-ispejjes ta' din il-wirja sa mhux aktar minn €150.

56.4.13 Is-Sindku rrefera għall-attivita ta' tberik tal-annimali tal-Festa San Frnanġisk li din is-sena se ssir fl-1 t'Ottubru. Sar qbil li l-Kunsill għandu jisponsorja xi tokens.

56.4.14 Is-Sindku rrefera għat-talba li daħlitlu mingħand Bryanna Saliba fejn resqet il-proposta għal twaqqif ta' Youth Club sabiex jkun ta' forum għaż-żgħażagħ fejn jiddiskutu inizjattivi favur il-lokalita. Sar qbil li għandna ninkarigaw lill-Agenzija Żgħażagħ biex tgħinnha f'dan it-twaqqif.

## 56.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

56.5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għal sajf mimli daqs bajda bl-attivitajiet li organizza b'success il-Kunsill. Huwa għamel referenza għas-suċċess tal-80s night u Cocomelon night fost l-oħrajn u ssuġerixxa li l-attivita' tal-80s nerġghu nirrepetuha għal Halloween. Is-Sindku fakkar li sabiex saret l-attivita tal-80s night kien jinħtieg permess sħiħ tal-pulizija li jirrikjedi proċess twil.

56.5.2 Il-kunsillier Larry Buttigieg propona li jekk nagħmlu xi attivita' bi qliegħ għall-festa nagħmlu bil-patt li tinġab banda maltija.

56.5.3 Il-Kunsillier Stephen Mercieca propona li fil-Kalendarju tal-attivitajiet tal-Milied ninkludu wkoll il-proġetti li għaddejjin. Is-Sindku wieġbu li l-kalendarju jkun jinkludi biss l-attivtajiet u l-proġetti jitħabbru fuq fuljett għalihom li nippublikaw darba fis-sena.

56.5.4 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għal rampa mkissra qabel tidħol għal gym li tinħtieġ tiswija u oħra ħdejn il-flattijiet tal-Arka.

56.5.5 Il-Kunsillier Teddy Saliba talab ukoll sabiex inżommu track record tas-servizzi li nagħtu lir-residenti permezz tal-van tal-Kunsill.

56.5.6 Il-Kunsillier Teddy Saliba staqsa dwar x'ġara mill- Wifi tal-Belvedere. Is-Sindku infurmah li dan is-servizz ġie mitfi mill-MITA minħabba li ma kienx qed jintuża ħafna.

56.5.7 Il-Kunsillier Teddy Saliba propona sabiex nixtru Fridge/freezer akbar għal Kunsill peress li l-freezer preżenti hija żghira wisq. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

56.5.8 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura fakkar fit-talba għal-double yellow lines fi Triq Sant Antnin u fit-twahhil ta' bollard fi Triq Martino Garces.

56.5.9 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura għamel referenza għal sid ta' għalqa fi Triq ix- Xatt l-Aħmar li meta saru l-ħitan tas-sejjieħ ħallwew it-terrapien fl-għalqa tiegħu.

56.5.10 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura għamel referenza għal-Palma li se tinqala minn post privat u offrew li titwaħħal f'Għajnsielem. Is-Sindku qal li ma tistax titpoġġa fil-proġett ta' Triq Qigħan minħabba li l-għeruq li jkunu kbar -

dejjem skond il-parir li ngħata. Qed jiġi kkunsidrat li tithawwel fil-ġnien ta' quddiem il-każin football.

56.5.11 Il-Viċi Sindku rrefera għall-ħtieġa biex titranġa parti minn Triq Wied ir-Rgħajjes. Is-Sindku wieġbu li dik hi l-istess każ li semma huwa fil-bidu tal-laqgħa. Il-Viċi Sindku talab ukoll biex niżbru s-sigra ta' din iż-żona.

56.5.12 Il-Vici Sindku fakkar ukoll biex innaddfu terrapien ta' Triq Gużeppi Cali. Is-Sindku wieġbu li t-talba għaddejjniha lill-Ministeru għal Għawdex u qed nistennew l-eżitu tagħha filwaqt li qed issir wkoll pressjoni mal-istess Ministeru.

56.5.13 Il-Viċi Sindku għamel referenza għat-tabella li hemm il-monument tal-bronz ma tantx għadha tidher u anke dik tal-Pjazza tad-Dehra u jinħtieġ li jinbidlu.

56.5.14 Il-Viċi Sindku fakkar ukoll fil-manutenzjoni meħtieġa lill-Frame. Is-Sindku wieġbu li ilu jiġri wara Rudolph biex jagħmel ir-restawr meħtieġ iżda jkun imħabbat.

56.5.15 Il-Kunsillier Larry Buttigieg għamel referenza għal fatt li hemm lukanda f'Malta li ser tagħlaq u naraw nistgħux nakkwistaw xi siġar tal-palm mingħandha.

**56.6 Korrispondenza**

**56.6.1** Ġiet trattata t-talba minn Dar Ġużeppa Debono għal għajnuna għal event se jsir serata mużikali u speċi ta' open house. Sar qbil li l-Kunsill għandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-event sa mhux aktar minn €250 spejjes.

- 56.6.2 Ġiet trattata t-talba mis-Suldati 'Legio X Fretensis - Malta (LXFM)' dwar jekk hux se jieħdu sehem attiv din is-sena f'Bethlehem f'Għajnsielem. Sar qbil li din it-talba għandha tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kumitat ta' Bethlehem f'Għajnsielem għax jiddependi mill-ammont ta' fondi li ser ningħataw biex norganizzaw din l-attivita'.

56.6.3 L-Għaqda Hbieb tal-Presepji bgħatet stedina lil Kunsill għal stedina u ftuħ tal-Wirja Presepji Maltin bit-titlu "Il-Presepju Malti - Arti, Fidi u Tradizzjoni" ġewwa fil-Knisja San Andrea delle Valle ġewwa Ruma, l-Italja fis-7 ta' Diċembru 2023 fis-7.00pm. Ċertament huwa unur li Għaqda minn Għajnsielem se tkun qed tesebixxi presepji ta' livell fil-qalba ta' Ruma. Is-Sindku propona li peress li l-flight huwa rħis min jixtieq jirrapprezenta lill-Kunsill, il-Kunsill lest li jiifinanzja l-biljett tal-ajru. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta

## 56.7 Wara l-attivitajiet tas-Sajf

56.7.1 Is-Sindku esprima s-sodisfazzjon tiegħu għall-programm ta' Iljieli Sajfin li ntlaqa' tajjeb ħafna u għal kull attivita' kellna konkorrenza qawwija. Kellna Lulju u Awwisu mimli attivitajiet għal kull eta. Huwa spjega li l-kunċett ta' Pjazza Pedonali intlaqgħet tajjeb wkoll. L-għaqdiet kellhom ċans wkoll jkunu parti mis-suċċess ta' dawn l-attivitajiet kulturali. Naturalment l-istabilimenti u każini gawdew wkoll. Dan kollu jimmottivana ghall-organizazzjoni ta' aktar attivitajiet biex nimlew l-Iljieli Sajfin.

## 56.8 Milied f'Għajnisleem

56.8.1 Sar qbil li huwa mportanti ħafna li tintbgħat talba għal-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex biex niddiskutu t-talba finanzjarja li ssir laqgħa mal-Kumitat Bethlehem f'Għajnsielem biex jigi determinat jekk hix ser issir l-edizzjoni ta' din is-sena jew le.

56.8.2 Peress li għal din is-sena kien hemm tnaqqis drasstiku fil-fondi mogħtija sar qbil li bħala tiżjin se nimxu fuq tas-sena l-oħra iżda l-Għaqda tal-Armar tixtieq tirrestawra xi tiżjin antik u tpoġġih f'Triq Simirat. Sar qbil dwar dan. Importanti kemm jista jkun li l-programm tal-attivitajiet joħroġ malajr.

## 56.9 Għeluq programmi Interreg V-A Italia Malta Corallo u AMPPA

56.9.1 Ġew trattati l-istimi li ntbaghtu għall-post ta' First Level Controller tal-Proġett tal-Interreg Corallo.

56.9.2 L-istimi miġbura kienu ta: -

- Paul Bugeja €1800
- Paul Mifsud €2000
- Daniel Galea ghall-prezz ta' €1500

56.9.3Wara li evalwa dawn l-offerti, l-Kunsill qabel li l-għazla għandha tmur fuq l-orħos waħda dik ta' Daniel Galea.

56.9.4 Ser issir attivita fit 23 ta' Settembru quddiem il-każin tal-football bħala parti mill-attivitajiet tal-CORALLO u sar qbil li nitolbu stima għal band.

56.9.5 Illum għaqlu l-educational boat trips tal-AMPPA li kellna konkorrenza kbira għalihom, intlaqghu tajjeb ħafna u kienu verament informattivi.

56.9.6 Is-Sindku għamel referenza għall-Steering Committee Meeting tal-proġett Corallo li ser jinżamm f'Ustica. Il-Kunsill qabel li għal din il-laqgħa jattendu s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-laqgħa ser issir bejn 15 u 18 ta Settembru. Minħabba l-urġenza u minħabba li ġejna infurmati pjuttost tard, inġabru tlett stimi fl-aħħar ġranet għal biljetti tal-ajru fejn l-orħos kienet ta' FCM Ltd ta' €103 kull persuna return għal Palermo u ġew konfermati minħabba nuqqas ta' żmien. Il-Kunsill approva din il-parteċipazzjoni.

## 56.10 Aġġornament dwar il-Proġetti Kapitali

56.10.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ta update tad-diversi proġetti li għandna għaddejjin u dawk li ser jinbdew fosthom:-

56.10.2 **Playingfield Gudja** - Xogħol huwa komplut u inawgurat. Qed nistennew sabiex eventalwment nappliklaw għal meter tad-dawl u jigu installati CCTVs minħabba vandaliżmu. Sadanittant għaddejjin ukoll bil-proċess tal-verifiki tal-kontijiet. Il-kont tax-xogħolijiet ta' Mark Attard kif ċertifikat mill-Perit Shawn Micallef jammonta għall-€193,945.97 li l-varjazzjoni tiegħu mill-bid oriġinali hija minima. Il-Kunsill qabel li għandu japprova l-ħlas ta' dan il-kont.

56.10.3 **Triq Hamri** - Ix-xogħol ta' tqegħid tal-ilma huwa lest. Issa jmiss jibdew trenching għal servizz ta' drenaġġ ġdid. Ix-xogħol ta' tkomplija beda f'nofs din il-ġimgħa.

56.10.4 **Pjazza Tolfa** - Qed nistennew l-ħadid u injam filwaqt li l-Artist Paul Stellini jlesti replika simili għal dik ta' Tolfa. Fil-ġranet li jmiss se jibda ix-xogħol ta' tħawwil fuq ir-roof garden bi pjanti sukkulenti. Se jsir ukoll handover tad-dawl u napplikaw sabiex tinxtegħel mal-Enemalta / Arms.

56.10.5 **Librerija u Ċentru Marittimu - Ix-xogħol miexi u b**eda jitpoġġa il-madum. L-Aircondition jistgħu jiġu nstallati dawn il-ġranet u ser jitwaħħlu l-aperturi wkoll. L-apparat mill-proġett Interreg AMPPA u Corallo ordnat wkoll fosthom Totem Interective Screen, LED Banner, OLED screen, sistema ta' sound indoor u outdoor, backdrops, mudelli tad-dgħajjes u ħut kif wkoll shelving u għamara.

56.10.6 **Public Convenience** - Ix-xogħol se jitkompla matul dawn il-ġranet billi għalaqna il-ħitan matul il-ġranet tal-festa. Imiss issa li jiġi l-kuntrattur Richard Cauchi jgħaddi isservizzi ta' dawl u plumbing. Is-Sindku propona li r-railing li kien hemm minflok it-taraġ taħt il-każin tal-banda jintbgħat għal galvanizar u powder coating. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

56.10.7 **Proġett – Belveder Triq Qigħan** - Qed nistennew il-kuntrattur jkompli għalkemm ix-xogħol il-kbir tal-madum issa huwa lest. Jonqos issa l-kuntrattur Richard Cauchi sabiex jgħaddi l-uplighters fejn hemm il-planters tas-siġar. Sadanittant ukoll bdew preparamenti ma' Mary tal-Mosaic għal xogħol artistiku. Fil-ġranet li jmiss se jaslu wkoll is-siġar tal-washintognia (palm).

56.10.8 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.** - L-offerta ġiet evalwata u nistennew li jinbeda x-xogħol.

56.10.9 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja** - L-offerta ġiet awarded u qed nistennew li niffirmaw l-Agreement mal-Ministeru għal Għawdex.

56.10.10 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra** -
Saret l-evalwazzjoni tal-offerta u l-Bord ħareġ b'dan ir-riżultat: -
L-orħos offerta kompatibbli għal-lot 1 hija dik ta' Road Construction ghall-ammont ta' €196,097.62 filwaqt li dik ta' lot 2 intrebħet minn Mark Attard għall-prezz ta' €101,077.59. Il-Kunsill approva r-rapport tal-Evalwazzjoni u sar qbil li għandu jiġi ffirmat il-kuntratt ma' dawn il-kuntratturi.

56.10.11 **Tisbieħ quddiem Kappela ta' Lourdes-** L-applikazzjoni li konna għamilna mad-Dipartiment ma ġietx aċċetata iżda il-Perit xorta se japplika mal-Awtorita tal-Ippjanar u Lands għal permessi neċessarji u jista jiġi ffinanzjat mill-DPF funds.

56.10.12 **Bini Arkata** - Il-Perit tagħna il-BOQ u qed jiġi suġġerit li jsir il-funding minn DPF tal-Awtorita tal-Ippjanar. Il-Kunsill qabel ma' dan.

56.10.13 **Ġnien Brieghen mal-Kunsill tax-Xewkija** - Il-Kunsill tax-Xewkija applika għal DNO mal-Planning Authority u ghadna qed nistennew l-ezitu taghha.

### 56.11 Halloween

56.11.1 Is-Sindku ħabbar li ghall-attivita' tal-Halloween, il-Ministeru għal Ghawdex se jgħaddi s-somma ta' €2500 bħala għajnuna. Minħabba l-ispejjez kbar involuti inkluż security bħala ġranet ta' attivitajiet qed jiġi suġġerit li jsir nhar is-Sibt 28 t'Ottubru u ll-Hadd 29 t'Ottubru u mbaghad minn naħa l-oħra l-ġnien jibqa miftuħ il-ġurnata kollha sat-Tlieta 31 t'Ottubru. Sar qbil li s-Sibt u l-Hadd issir attivita' għat tfal u band kull filgħaxija. Sar qbil ukoll li f'nhar il-Halloween titqassam borża ħelu lit-tfal tal-iskola waqt il-ħin tal-ħruġ.

### 56.12 Stedina għal Żjara fl-Loreto, Italja

56.12.1 Il-Kunsill ġie mistieden mill-Kunsill ta' Loreto sabiex jirreċiproka iż-żjara u ftehim ta' ħbiberija li sar mal-Comune di Loreto fil-30 t'Awwisu 2022 f'Għajnsielem. Il-programm se jkun f'idejna fil-ġranet li jmiss iżda bħala ġranet se jkunu mil-Hadd 25 ta' Settembru sal-Hamis 28 ta' Settembru. Sar qbil li l-Kunsill kollu se jkun preżenti għal dan il-mument storiku billi jithallas biss il-vjagg tal-ajru li jammonta madwar €100 kull persuna.

### 56.13 Update dwar il-Vakanza ta' Assistent Prinċipal

56.13.1 Sar qbil li l-interviews ghal din il-vakanza ser isiru nhar l-Erbgħa 20 ta' Settembru 2023.

### 56.14 Approvazzjoni tar-Rapporti tal-Evalwazzjoni tal-Offerti/stimi

56.14.1 L-aħħar offerti li ħarġu taħt dawn il-proġetti Amppa u Corallo kienu dawn:

**56.14.2 GHJN/Q/18/2023 - Xiri ta' kotba dwar il-ħut għaċ-Ċentru.** Wara li ntbaghtu offerti ntefghu dawn l-offerti:-

- BDL - €82.60
- Miller - €332.34

Wara li ġew evalwati, peress li ż-żewġ bidders offrew kotba differenti minn xulxin, il-Kunsill qabel li għandu jagħzel dawk available mingħand it-tnejn li huma.

**56.14.3 GHJN/Q/19/2023 Backdrop għac-Ċentru.**

Wara li nħarget din l-istima, l-offerti mitfugħa kienu ta:-

- SMC - €879.10
- Oliver Signs - €1500
- Janice - ma kwotatx.

Wara li ġew evalwati, l-Kunsill qabel li għandu jagħżel l-orħos waħda dik tal-SMC Signs.

**56.14.4 GHJN/Q/20/2023 AIRCONDITION UNITS għaċ-Ċentru.**

Wara li ntbagħtet sejħa għall-istimi lill- diversi suppliers, l-istimi mitfugħa kienu dawn:-

- Econotique €5697.00
- Buttigieg - €4431.20

Wara li ġew evalwati, l-Kunsill qabel li għandu jagħżel l-orħos waħda dik tal-Econetique.

**56.14.5 GHJN/Q/22/2023 -Xiri ta' OLED TV**

Wara li ntbagħtet sejħa għall-istimi lil diversi suppliers, l-istimi mitfugħa kienu dawn:-

- Doneo (1,524.66 €) /
- Astral: €1,261.87 eks vat /
- Homemate: Mhux skond l-ispecifications
- Scan - Mhux skond l-ispecification
- Eyad €1,041.40c xcl vat and €1,205.40c excl vat /

- Sound and Vision - €888.98

Wara li ġew evalwati, l-Kunsill qabel li għandu jagħzel l-orħos waħda dik tas-Sound & Vision.

### 56.14.6 GHJN/Q/24/2023 - INDOOR SOUND SYSTEM

Wara li ntbagħtet sejħa għall-istimi lil diversi suppliers, l-istimi mitfugħa kienu dawn:-

- Astral: €677.12 mingħajr installazzjoni

- Doneo €1,447.63 €

- Scan - Ma kwotawx

- Eyad (Kwota diversi mudelli li mhumiex kompatibbli u dawk kompatibbli mhumiex l-orħos prezzijiet)

- Sound and Vision: €677.12 bl-instalazzjoni nkluża.

Wara li ġew evalwati, l-Kunsill qabel li għandu jagħżel l-orhos waħda dik tas-Sound & Vision.

### 54.14.7 Q23/2023 - OUTDOOR SOUND SYSTEM

Wara li ntbagħtet sejħa għall-istimi lil diversi suppliers, l-istimi mitfugħa kienu dawn:-

- Astral: €566.95 +€ 50 tal- installazzjoni

- Homemate - ma kwotawx

- Doneo rrispondew izda mhumiex konformi mal-ispecifications

- Scan - Ma kwotawx

- Eyad - Kwota għall-mudelli varji iżda mhux kompatibbli mal-ispecifications mitluba

Sound and vision: €592.37 bid- delivery u l- installazzjoni.

Wara li ġew evalwati, l-Kunsill qabel li għandu jagħżel l-orħos waħda dik tas-Sound & Vision.

## 56.15 Approvazzjoni tal-Pagamenti

56.15.1 Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 125.

## 56.16 Materji oħra

56.16.1 Waqt il-laqgħa attendew xi residenti minn Triq Ħamri u xi bdiewa li jaħdmu l-art ta' taħt il-Belveder. Dawn qed jilmentaw li minn l-aħħar laqgħa li saret magħhom l'hawn ingħalqu l-aperturi u baqgħu ma ġewx imkaħħla. Dan kollu juri li hemm xi intenzjonijiet ulterjuri. Is-Sindku wiegeb li bħala Kunsill ippruvajna naraw l-ownership li rriżulta li hija government leased property. Is-Sindku personalment mar il-Lands Registry u Authority u ma ridux ituħ informazzjoni. Sadanittant applikajna through il-Freedom of Information Act . Ir-resident u l-bdiewa nsistew li l-Kunsill joħroġ xi tip ta' stqarrija għax jekk din l-art ser tingħata lil xi żviluppatur ser tkun ir-rovina tal-Belvedere. Il-Kunsill wieġeb li jrid ikun kawt kif ser jindirizza din is-sitwazzjoni la darba hemm biss assumazzjonijiet u mhux fatti iżda żgur li ser ikun b'għajnejn miftuħa għal kullma jiġri u ha jara kif jista jindirizzaha.

56.16.2 Għal laqgħa kienu preżenti wkoll membri mill-Għaqda tan-Nar. Il-Kunsill faħħarhom tas-show tan-nar mill-isbaħ li taw għal festa u faħħarhom li verament jistinkaw ħafna għal dak li jagħmlu. Is-Sindku rringrazzjahom ukoll tal-istqarrija tad-dhul u nfieq li ppublikaw wara l-festa li turi serjeta. Bħala Kunsill wegħdhom li inkunu ta' għajnuna u ninkarigawhom għal xi xogħolijiet bħalma huma assistenza f' Halloween servizz u Bethlehem f'Għajnsielem. Minn naħa tagħhom esprimew ix-xewqa li jbiegħu l-ħelu jew xi ikel ieħor f'Bethlehem f'Għajnsielem u wkoll proponenew li jintroduċu siġġu ta Santa Claus għar-ritratti bi qliegħ. Il-Kunsill wegħdhom li ser jikkonsidra dawn il-proposti u oħrajn simili.

56.16.3 Sar qbil li għandhom jinxtraw pressure washer u xi t-shirts għal Clean up the World peress li huma koperti fil-fondi tal-iskema li ħadna għal din l-attivita'.

## 56.17 Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u sar qbil li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 4 t'Ottubru fin-12:30 ta' wara nofsinhar.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**